### MEMBRI ONORARJI

Galea Mons. Dun Pawl, J.C.D.
Laferla Onor. Alb. V., C.B.E., LL.D.
Psaila Mons Dun Karm
Saydon Prof. Dun P. P., D.D., B.Litt, B.L. Can.

### MEMBRI KORRISPONDENTI

Dessoulavy Rev. Charles L., Ph.D.
Muscat Azzopardi Ivo, P.L.
Ropa Laurent
Sutcliffe Rev. E., S.J.
Said Ant.

## QALB TA' TIFEL

(SEJHA TAL-LUM)

Ħbub għajnejh suwed bħal tuta
Jibbru u jidħku, ferħanin:
Tifel ħelu, qalbu ġilju,
Ma ntihx iżjed minn sitt snin.

Fommu zokkra, xoftejh qrolla,
Qalbu safja trid ittir!
Għidtlu:- Ivan, meta tikber
Tista' tgħidli x'ser issir?

Bħal-lpapà, tabib? jonkella?...
—Xejn... Ma rridx inkun irsir!
Għal pajjiżi rrid niġġieled!!
PILOT, qalli, irrid insir!

17/5/42. R.M.B.

## Konkors ta' Kritika Letterarja bil-Malti

Il-Kumitat tax-"Xirka għat-Tixrid tal-Ilsien Malti"
jniedi konkors ta' kitba bil-Malti li għalih jista' jidħol kul-
ħadd. Is-suġġett huwa:

*Kritika ta' xi Xogħol Letterarju bil-Malti*

Xogħol letterarju jiġifieri kull xorta ta' kitba: rumanz,
poeżija, drama, "essays", bijografija, eċċ. Min jidħol għall-
konkors irid jagħmel "analisi kritika" ta' xi biċċa poeżija
jew proża u jrid igħid fejn dehret jew meta kienet stampata
dik il-poeżija, dak ir-rumanz eċċ. li fuqhom ikun kiteb.

Ma' kull kitba jrid jinbagħat 6d (P.O. jew Bolol).

Kull kittieb jista' jibgħat aktar minn kitba waħda,
imma l-premju jintrebaħ *għal kitba waħda biss.*

Il-kitbiet jinbagħtu taħt isem il-kittieb mibdul (nome-
de-plume) flimkien ma' *envelope magħluq* li jkun fih nota
bl-isem ta' dik il-poeżija, rumanz eċċ. li fuqha sa ssir l-ana-
lisi kritika, kif ukoll l-isem tal-kittieb u l-indirizz tiegħu.

Kull kitba li tinbagħat għall-konkors ma terġax tin-
għata lura lill-kittieb

Jingħataw żewġ premjijiet:

I. 4 Rumanzi (miktubin bil-Malti tal-"Għaqda" li jingħażlu mir-rebbieħ)

II. "Ward ta' Qari Malti" Vol. III.

Dawk li jieħdu l-premju, kif ukoll dawk li l-kitba tagħ-
hom, fil-fehma tal-eżaminaturi, tkun għolja biżżejjed, jin-
għataw ċertifikati u l-kitba tagħhom tinqara minn fuq ir-
Rediffusion u, maż-żmien jistgħu wkoll jixxandru fuq ri-
visti bil-Malti.

Hemm żmien sa l-aħħar ta' Awwissu 1942.

Kull kitba trid tinbagħat lis-Segretarju, is-Sur G.
Cassar Pullicino, 3c Triq il-Knisja l-Qadima, B'Kara, bil-
kelma "**Konkors**" miktuba fuq l-envelope.

Kull min jieħu parti f'dan il-konkors irid jikteb bl-or-
tografija tal-"Għaqda".